

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL
(EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI EPSO/AST/111/10

SEGRETARJAT (AST 1)

DA/DE/EN/ES/FR/MT/NL/PT/SV

(2010/C 312 A/01)

**Interessat f'karriera fl-istituzzjonijiet Ewropej?
Il-profil tiegħek jikkorrispondi mal-kriterji tagħna?
Mela applika
Aghthi lilek innifsek iċ-ċans li tirnexxi**

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza din il-kompetizzjoni ġenerali permezz ta' eżamijiet sabiex tinholqu riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti (*).

EPSO/AST/111/10 (AST 1)

IL-QASAM TAS-SEGRETARJAT
fil-lingwi li ġejjin:(DA) DANIŻ, (DE) ĠERMANIŻ, (EN) INGLIŻ, (ES) SPANJOL, (FR) FRANĊIŻ, (MT) MALTI, (NL)
OLANDIŻ, (PT) PORTUGIŻ, (SV) SVEDIŻ

L-għan ta' din il-kompetizzjoni hu li jinħolqu listi ta' riżerva maħsuba biex jimtlew xi postijiet vakanti fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 184 A tat-8 ta' Lulju 2010 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż ta' kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET
- III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJIET TAD-DĦUL
- V. KOMPETIZZJONI ĠENERALI U EŻAMIJIET TA' EVALWAZZJONI
- VI. LISTI TA' RIŻERVA
- VII. KIF TAPPLIKA?

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

I. QAFAS ĠENERALI

1. Għadd ta' kandidati magħżula skont il-lingwa	DA = 35 DE = 62 EN = 98 ES = 22 FR = 86 MT = 42 NL = 27 PT = 19 SV = 23
2. Kummenti	Int tista' tapplika għal-lingwa waħda biss. Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun invalidajt u b'għat l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.

II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJET

Id-deskrizzjoni u l-livell tal-funzjonijiet li għandhom jitwettqu jinkludu l-eżekuzzjoni tal-kompiti li ġejjin:

- L-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni ta' laqgħat, inkluża t-tnejn ta' fajls u ta' dokumenti ta' ħidma.
- Ir-riċezzjoni, l-iffiltrar u l-ipproċessar tat-telefonati, l-ipproċessar tal-korrispondenza u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni ġenerali lil min iċempel.
- Il-ġestjoni tal-kaxex postali elettroniċi u tal-kaxex postali funzjonali.
- Il-ġestjoni tal-aġenda, is-supervizzjoni tal-iskeda u l-iżgurar li l-iskadenzi jiġu osservati.
- L-għoti ta' appoġġ amministrattiv ġenerali, partikolarment fil-ġestjoni tad-dokumenti (ir-riċezzjoni, l-ipproċessar, il-monitoraġġ u l-klassifikazzjoni tad-dokumenti u l-ittri).
- Il-preparazzjoni u l-ġestjoni tal-missjonijiet; il-ġestjoni tal-assenzi.
- Il-preżentazzjoni u l-verifika tad-dokumenti (l-issettjar tal-paġni, l-ifformattjar u t-tabelli).
- L-abbozzar (fil-livell segretarjali) ta' noti, ittri u rendikonti.
- Diversi xogħlijiet amministrattivi tas-segretarjat oħrajn marbuta mal-ġestjoni ta' fajls u r-riċerka ta' informazzjoni, li jkunu partikolarment jeħtieġu l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni.
- Fis-servizzi tat-traduzzjoni: ir-riċezzjoni, il-ġestjoni u l-ipproċessar tat-talbiet għat-traduzzjoni u b'mod partikolari l-preparazzjoni, l-ipproċessar u l-finalizzazzjoni tad-dokumenti, prinċipalment permezz ta' softwer tat-traduzzjoni, id-dħul u l-aġġornament ta' memorji tat-traduzzjoni, kif ukoll xogħlijiet relatati mal-issettjar tal-paġni u l-ifformattjar.

Il-profil ġenerali tal-kandidati mfittex mill-istituzzjonijiet huwa spjegat fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

Fid-data tal-għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

1. Kundizzjonijiet ġenerali	
<ul style="list-style-type: none"> — Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. — Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek. — Tkun wettaq kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli għas-servizz militari. — Tipproduċi r-referenzi dwar il-karattru meħtieġa, li juru li int tajjeb biex twettaq il-funzjonijiet previsti. 	
2. Kundizzjonijiet speċifiċi	
2.1.	Kwalifiki
Jew (a)	Livell ta' edukazzjoni għolja, iċċertifikat b'diploma direttament relatata mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet (ara t-Taqsima II).
Jew (b)	Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat b'diploma li tagħti aċċess għal edukazzjoni għolja segwita minn esperjenza professjonali ta' perjodu minimu ta' tliet snin, li hija direttament relatata mad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet (ara t-Taqsima II). NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-anqas tliet snin, imsemmija fil-punt b), tagħmel parti integrali mid-diploma.
2.2.	Esperjenza professjonali L-ebda esperjenza professjonali mhija meħtieġa.
2.3.	Għarfien lingwistiku
(a) Lingwa 1	Il-lingwa ewlenija: għarfien profund tal-lingwa magħżula għall-kompetizzjoni fost DA/DE/EN/ES/FR/MT/NL/PT/SV.
u	
(b) Lingwa 2	It-tieni lingwa (li għandha tkun differenti mil-lingwa 1): għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, l-Ingliš jew il-Franċiż

IV. TESTIJET TAD-DĦUL

1. Int se tkun mistieden għat-testijiet	jekk, waqt l-applikazzjoni elettronika tiegħek , tkun iddikjarajt li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III.	
2. Deskrizzjoni u marki tat-testijiet	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bil-għan li jiġu evalwati l-ħiliet u l-kompetenzi ġenerali fir-rigward ta':	
Test (a)	ir-raġunament verbali	marki: 0 sa 20 punt il-minimu meħtieġ: 10 punti
Test (b)	ir-raġunament numeriku	marki: 0 sa 10 punti
Test (c)	ir-raġunament astratt	marki: 0 sa 10 punti
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet kollha b) u c) huwa ta' 10 punti
Test (d)	kapaċitajiet professjonali: eżattezza u preċiżjoni	marki: 0 sa 20 punt il-minimu meħtieġ: 10 punti

Test (e)	kapaċitajiet professjonali: prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	marki: 0 sa 20 punt il-minimu meħtieġ: 10 punti
Test (f)	kompetenzi fil-qasam tas-segretarjat	marki: 0 sa 20 punt il-minimu meħtieġ: 10 punti
3. Lingwa tat-testijiet	Lingwa 1 għat-testijiet a), b) u c) Lingwa 2 għat-testijiet d), e) u f)	

V. KOMPETIZZJONI ĠENERALI U EŻAMIJET TA' EVALWAZZJONI

1. Int se tkun ammess (*) għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni	<p>jekk int tikseb waħda mill-aħjar marki kif ukoll il-minimu meħtieġ għat-testijiet tad-dħul ⁽¹⁾ u jekk, skont id-dikjarazzjonijiet tiegħek fl-applikazzjoni elettronika, int tisodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III ⁽²⁾.</p> <p>(*) L-ammissjoni se tkun ikkonfermata bil-kundizzjoni li ssir verifikazzjoni ulterjuri tad-dokumenti ta' appoġġ mehmuża mal-fajl tiegħek. Id-dokumenti ta' appoġġ tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni u li jkunu kisbu l-aħjar marki fl-eżamijiet ta' evalwazzjoni se jiġu eżaminati f'ordni dixxendenti ta' punti, sakemm jintlaħaq l-għadd ta' kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni.</p> <p>Id-dokumenti ta' appoġġ tal-kandidati li jikklassifikaw taħt dan in-numru mhux se jiġu eżaminati.</p>
2. Eżamijiet ta' evalwazzjoni	<p>Int se tkun mistieden tipparteċipa fl-eżamijiet ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju jsiru fi Brussell, u li jdumu ġurnata. Int se tkun evalwat fuq il-kompetenzi speċifiċi tiegħek f'dan il-qasam kif ukoll fuq il-kompetenzi ġenerali li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Komunikazzjoni — Kwalità u riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Perseveranza — Ħidma f'tim <p>Dawn il-kompetenzi huma mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.</p> <p>Dawn il-kompetenzi se jiġu eżaminati permezz tal-elementi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) intervista strutturata (b) eżerċizzju tal-in-tray (c) eżami Prattiku ⁽³⁾ li jinvolvi l-preparazzjoni u/jew l-ipproċessar ta' dokument MS Word. (d) eżami Prattiku li jinvolvi l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet tal-espressjoni bil-kitba (partikolarment l-ortografija, is-sintassi u l-grammatika).
3. Lingwi tal-eżamijiet ta' evalwazzjoni	Lingwa 2: testijiet a) u b) Lingwa 1: testijiet c) u d)

⁽¹⁾ Fil-każ fejn fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu mistiedna għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni.

⁽²⁾ L-għadd ta' kandidati mistiedna għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal 2,5 darbiet l-għadd ta' kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni u li se jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-EPSC (www.eu-careers.eu).

⁽³⁾ Aktar dettalli dwar it-tastieri li se jingħataw lill-kandidati se jiġu pprovduti flimkien mal-istedina għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni. Il-kandidati se jingħataw tastieri standard bħal dawġ li jintużaw fuq is-suq tax-xogħol Ewropew.

4. Marki	<p>Kompetenzi speċifiċi minn 0 sa 30 punt il-minimu meħtieġ: 15-il punt</p> <p>Kompetenzi ġenerali minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali il-minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza u 40 punt minn 70 għas-7 kompetenzi ġenerali kollha</p>
----------	---

VI. LISTI TA' RIŻERVA

1. Kandidati li jiddaħħlu fil-listi ta' riżerva	Il-bord tal-għażla jniżżel ismek fil-lista ta' riżerva, jekk int tkun wieħed mill-kandidati (*) li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ flimkien ma' waħda mill-aħjar marki fl-eżamijiet ta' evalwazzjoni kollha (ara l-għadd ta' kandidati magħżula, Taqsima I.1) u jekk, skont id-dokumenti ta' appoġġ tiegħek, int tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni.
2. Klassifika	Il-listi se jiġu stabbiliti skont il-lingwa u skont il-grupp ta' mertu (massimu ta' 4) u se jsiru f'ordni alfabetiku f'kull grupp ta' mertu.

VII. KIF TAPPLIKA?

1. Applikazzjoni elettronika	Int għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPPO. Data tal-għeluq: is-16 ta' Diċembru 2010 f'12:00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.
2. Trażmissjoni tal-fajl ta' applikazzjoni	F'fażi ulterjuri u kemm-il darba tkun tagħmel parti mill-kandidati ammessi għall-eżamijiet ta' evalwazzjoni, int se tkun mitlub tibgħat fajl ta' applikazzjoni komplut (applikazzjoni elettronika ffirmata flimkien ma' dokumenti ta' appoġġ). Data tal-għeluq: Int se tiġi informat bid-data tal-għeluq, fi żmien xieraq, permezz tal-profil tiegħek tal-EPPO. Kundizzjonijiet: ara l-punt 2.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

(*) Fil-każ fejn fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jitniżżlu fil-lista ta' riżerva.